

**Emenda 9****Benedek Jávor**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport****Barbara Kappel**L-istatistika tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku  
COM(2015)0496 – C8-0357/2015 – 2015/0239(COD)**A8-0184/2016****Proposta għal regolament****Anness II – punt 5 – punt a – tabella – kolonna 2 – ringiela 13***Test propost mill-Kummissjoni*

5. Taxxi, tariffi, levies jew imposti marbuta mas-settur nukleari, inkluż id-dekummissjonar nukleari, l-ispezzjonijiet u t-tariffi għall-installazzjonijiet nukleari.

*Emenda*

5. It-taxxi, tariffi, levies jew imposti ***kollha*** marbuta mas-settur nukleari, inkluż ***dispożizzjonijiet finanzjarji għad-dekummissjonar nukleari u l-ġestjoni tal-iskart nukleari***, l-ispezzjonijiet u t-tariffi għall-installazzjonijiet nukleari, ***irrispettivament jekk dawn jiġux inklużi fil-prezz finali għall-konsumaturi.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-prezzijiet imposti fuq il-konsumaturi finali għandha tippermetti tqabbil ma' komoditajiet oħrajn tal-enerġija, billi tipprovdi stampa ċara tal-firxa sħiħa tal-ispejjeż li jaffettwaw daww il-prezzijiet, inkluż daww li normalment jiġu esternalizzati. L-informazzjoni miġbura għandha għalhekk ukoll tinkludi tariffi u dispożizzjonijiet finanzjarji imposti mill-awtoritajiet pubbliċi bħal daww għad-dekummissjonar nukleari u l-ġestjoni tal-iskart nukleari li mhumiex inklużi fil-prezz finali impost fuq il-konsumaturi.*